**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 005/2019**

2 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

## 05.1 Qari ta' ittri ta' apologija

05.1.1 Ma kienx hemm.

## 05.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

05.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

05.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

05.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

05.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 4 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

05.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

05.2.6 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali minuti ta' laqgha ghall-pubbliku li kienet inzammet b'rabta ma pjan ta' hidma ghall-perjodu 2019-2024 li l-Kunsill Lokali kien qieghed jahseb biex jabbozza

05.2.7 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

05.2.8 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Johann Scerri ( 18:00)

## 05.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

05.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm mal-NGO Nanniet Malta. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi hekk kif maqbul kien gie ffirmat memorandum of understanding mal-istess NGO.

05.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-Vici-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet ma rapprezentanti tal-Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Is-Sindku ziedet tghid illi minkejja li l-laqgha kienet originarjament skedata li ssir mal-Ministru, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' mac-*Chief of Staff* u l-konsulent tal-Ministru.

05.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi matul Settembru 2019 kienet inzammet attivita’ zghira li matulha familja kienet zerghet sigra taz-zebbug fi Pjazza Santa Margherita bhala tifkira ta’ membru mill-istess familja.

05.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien inzamm post morten relatat mal-attivita’ Cospicua Short Play Festival 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-Kunsill Lokali kien ircieva kummenti pozittivi rigward il-kordinament u logistika tal-attivita’ nnifisha.

05.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali illi b’konnessjoni ma’ skema li kienet ser tigi menhdija, liema skema kienet ser tkun qieghda ffinanzjata min-Norway Grants kienet inzammet laqgha li matulha l-Kunsill Lokali kien iddiskuta proposta ta’ progett li seta’ jigi sottomess. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien ser ikun hemm diskussjoni dwar il-materja fid-dettall aktar tard waqt l-istess seduta.

03.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif diskuss kienet inzammet laqgha tal-bord tal-awtorita’ tal-Ippjanar li matulha kien gie diskussa masterplan li kien qieghed jigi propost ghaz-zona ta’ Bacir Numru 1. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-ezitu tal-laqgha kien pubbliku u kien ser ikun hemm laqgha sussegwenti bil-ghan illi jittiehed il-vot deciziv.

05.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif kienet taghmel fuq bazi regolari kienet attendiet laqgha tar-Regjun Xlokk li matulha kien gie diskuss ili kuntratt tal-gbir ta’ skart li l-istess Regjun kien ser ikun qieghed jippublika sejha ghall-offerti ghalih matul l-2022.

05.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b’laqgha li rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kellhom ma’ familjari tas-Sur Sunny Aquilina rigward proposta li kien qieghed jevalwa l-Kunsill Lokali bil-ghan illi isir monument li jikkommemora hidmet l-istess individwu.

## 05.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

05.4.1 Ma kienx hemm

## 05.5 Approvazzjoni ta’ skedi ta hlasijiet;

05.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru010/19) ghall-approvazzjoni.

05.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

05.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ petty cash mahrug matul ix-xahar ta’ Awissu 2019 ghall-approvazzjoni.

05.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

05.05.5 Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat b'komunikat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv, fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-kunsillier James Cauchi u b'votazzjoni unanima, gie deciz illi s-Sa. Ramona Falzon Gatt, impjegata fi hdan il-Kunsill Lokali bhala Assistent Ufficjal Principali kellha tkun mahtura Deputat Segretarju Ezekuttiv.

**05.6 Mozzjonijiet**

05.6.1 *Mozzjoni numru 010/2019*

Qed nipproponi li l-Kunsill jinstalla' 'pedestrian railing' fi Triq il-Mithna kif indikat fil-pjanta u r-ritratt mehmuz ghaliex hemm periklu car ghall-pedonali kif ukoll ghall-vetturi li facilment jistghu jaqghu ghal isfel

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : Martin Vella

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.2 *Mozzjoni numru 11/2019*

Qed nipproponi li l-Kunsill jinstalla' pedestrian railing mar-rampa li hemm quddiem il-mina ta' Verdala Barracks biex iservi ta' lqugh u allura ma jkunx hemm aktar periklu li l-pedonali jaqghu ghal isfel

Proponent : Melanie Agius Attard
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**5.7 Mili ta' postijiet vakanti**

5.7.1 Is-Sindku qrat ittra ta' rizenja li kien baghat wiehed mill-impjegati tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet kellmet lill-imsemmi impjegat, li kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Ufficjal Principali, u wara li kien gie stabbilit illi l-istess individwu kellu opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu f'settur differenti kienet awguratlu u f'isem il-Kunsill Lokali irringrazzjatu ghall-kontribut siewi li kien ta' lill-lokalita' f'aktar minn ghoxrin sena ta' impjieg mal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

5.7.2 Wara diskussjoni libera li matulha l-membri tal-Kunsill Lokali sahqu fuq l-efficjenza li biha l-impjegat kien iwettaq hidmietu, gie stabbilit illi kellu jinkiseb permess u

eventwalment jinhareg avviz bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun jista' jingaggja impjegat/a fi skala 13 ( Ufficjal Ezekuttiv).

5.7.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien ghaddej il-process sabiex il-Kunsill Lokali jingaggja impjegat bhala skrivan fi Skala 15. Is-Saa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-Kunsill kie fetah is-sejha b'avvizi fuq il-gurnali u l-media socjali wara li ma kienx instab impjegat mil-lista li l-Kunsill Lokali kien gie pprovdut minn *Jobs plus*.

**5.8 Sejhiet ghall-Offerti**

5.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul kienet inharget sejha ghal-offerti ghaz-zamma u manutenzjoni ta' gonna u soft areas. Fir-rigward is-Sa. Zerafa sahqet illi kien hemm il-htiega illi jinhatar il-bord ta' evalwazzjoni relatat mal-istess sejha. Gie deciz illi l-evalwaturi ghall-bord kellhom ikunu s-sinjuri Marco Agius, Johann Scerri u Melanie Agius. Is-Sindku kellha tkopri r-rwol ta' chairperson filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv kellu jkun is-segretarju tal-Bord.

**5.9 Pjan ta' hidma**

5.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin hekk kif ippjanat il-preparamenti sabiex matul Ottubru tittella' t-tieni edizzjoni tal-attivita' sportive *Triathlon.*

5.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet waslet talba ghal ghajnuna finanzjarja minghand il-Kor Tota Pulchra. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi t-talba kienet waslet b'konnessjoni ma' Akkademja Muziko Letterarja li l-istess kor kien ser ikun qieghed jikkordina nhar it-22 ta' Novembru 2019. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi minkejja li l-attivita' kellha potenzjal tajjeb, il-proposta ma setghetx tigi milqugha ghal ragunijiet legali. Dan peress illi t-talba kienet tmur kontra l-obbligu legal li l-Kunsill Lokali kellu permezz ta' artiklu 63A tal-att dwar il-Gvern Lokali.

5.9.3 Is-Sur Johann Scerri informal ill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin il-preparamenti bil-ghan illi tittella' attivita' fi zmien il-Milied. Is-Sur Scerri sahaq illi kien ser ikun qieghed izomm lill-Kunsill Lokali b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm dwar il-materja.

5.9.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet inzammet attivita' ta' tindif biswit l-iskejjel qabel dahlu l-istudenti. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet qieghda tippjana illi fil-futur qarib, fid-dawl tas-success li kisbet l-attivita' jittellghu attivitajiet ohra simili.

5.9.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Banda San Gorg kienet talbet lill-Kunsill Lokali ghajnuna finanzjarja sabiex tkun tista' ittella' spettaklu tan-nar fi Pjazza Paolino Vassallo nhar is-7 ta' Dicembru 2019. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit

illi minkejja li l-attivita' kellha potenzjal tajjeb, il-proposta ma setghetx tigi milqugha ghal ragunijiet legali. Dan peress illi t-talba kienet tmur kontra l-obbligu legal li l-Kunsill Lokali kellu permezz ta' artiklu 63A tal-att dwar il-Gvern Lokali.

5.9.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-festa tal-lokalita' li kienet tinzamm nhar it-8 ta' Dicembru, kien hemm il-htiega illi jigi deciz jekk kienux ser ikunu qieghdin jinhargu permessi ghall-gabbani fis-siti li fihom kien inhargilhom permess fis-snin precedent. Wara diksussjoni libera, gie stabbili illi kemm il-darba ikun possibbli kellu jinsab sit alternattiv ghall-gabbani tal-ikel li kienu jarmaw fi Triq Santa Tereza.

5.9.7 Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb illi jittellghu tliet kompetizzjonijiet tas-subbuteo. Is-sehem tal-Kunsill Lokali ghall-imsemmija attivitajiet kellu jkun ix-xiri tat-trofej li bejniethom kienu jammontaw ghal mija u hamsin ewro.

5.9.8 Wara diskussjoni libera, tressqet proposta mis-Sur Johann Scerri sabiex hekk kif sehh matul l-2018, nhar is-7 ta' Dicembru 2019, tittella' l-attivita' Diamonds of Fire. Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondat il-proposta tas-sur Scerri li ghaddiet b'votazzjoni ta' sitt voti favor u vot wiehed kontra. Gie deciz ukoll illi l-ispiza totali marbuta mal-attivita' ma kelliex teccedi id-disat elef ewro ( VAT inkluz).

5.9.9 Is-Sa. Melanie Agius infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ghaddejja bil-preparamenti bil-ghan illi jittellghu attivitajiet relatati ma' Pink October kif u koll mal-NGO nanniet malta.

5.9.10 Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tiehu hsieb il-kordinamenti mehtiega bil-ghan illi nhar id-19 t'Ottubru 2019 tinzamm attivita' (bake sale) fil-lokalia'.

5.9.11 Is-Sur Marco Agius u s-Sur Martin Vella ghaddew dettalji dwar il-kordinamenti li kienu qieghdin jaghmlu b'konnessjoni ma' Jum Bormla 2019. Wara li l-Kunsilliera gew mghoddija d-dettalji kollha inkluz l-ispejjez relatati, kien hemm qbil illi kellu jsir ezercizzju sabiex titnaqqas in-nefqa bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun konformi mar-regolamenti. Il-Kunsill Lokali kellu jinzamm aggornat dwar il-materja.

Is-seduta giet fi tmiemha fit-9:30p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghad-9 ta' Ottubru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>30 t'Ottubru, 2019</u>

<u>IFFIRMATA</u>
**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

<u>IFFIRMATA</u>
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv